**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 163**
**L-Erbgħa, 1 ta' Novembru, 2023 fl-4:00 p.m.**

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET

**1762. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 163
01/11/2023

### BORĠ IN-NADUR – KUNTRATT TAX-XIRI TA' ART

**1805. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tax-xiri tal-art ġewwa Borġ in-Nadur ta' €200,000?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2360.

Seduta 163
01/11/2023

### INFERMIERA LI RRIŻENJAW LI RRIŻENJAW MIS-SERVIZZ PUBBLIKU

**11186. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irriżenjaw infermiera kull sena minn mas-Servizz Pubbliku minn Ottubru 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/08/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-perjodu mitlub minnha rriżenjaw 40 infermiera.

Seduta 163
01/11/2023

### UŻU TAL-MALTI MINN TOBBA, INFERMIERA U CARERS

**11187. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-lingwa tal-Malti hix wieħed mill-prerekwiżiti biex tobba, infermiera u carers minn pajjiżi barranin ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-pazjenti f'servizzi tas-saħħa offruti fis-Settur Pubbliku? Jekk iva, x'inhu l-livell li qed jintalab? X'inċentivi qed jingħataw il-ħaddiema biex jagħmlu kors tal-ilsien Malti?

11/08/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi profiċjenza fil-lingwa tal-Malti hi rekwiżit biex infermiera minn pajjiżi barranin ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-pazjenti f'servizzi tas-saħħa offruti fis-Settur Pubbliku. Il-kandidati li jiġu magħżula jridu jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija fi żmien senamill-ingaġġ, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-*Basic Medical Maltesefor theHealthcare Profession Part 1* tal-Università ta' Malta.Infermiera li ma jkunux kisbu dan iċ-ċertifikat fiż-żmien ta' prova,

jingħataw estensjoni ta' darba biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat.Min jonqos li jippreżenta, sa tmiem il-perjodu ta' prova, evidenza li għadda b'suċċess, dan jirriżulta f'terminu awtomatiku tal-kuntratt tax-xogħol.

Seduta 163
01/11/2023

**UŻU TAL-MALTI MINN TOBBA, INFERMIERA U CARERS**

**11188. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-lingwa tal-Malti hix wieħed mill-prerekwiżiti biex tobba, infermiera u carers minn pajjiżi barranin ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-pazjenti f'servizzi tas-saħħa offruti fis-Settur Pubbliku permezz ta' kuntrattur privat? Jekk iva, x'inhu l-livell li qed jingħata? Jekk le, x'obbligu qed jintefa' fuq il-kuntratturi biex il-ħaddiema tagħhom jiġu inċentivati jagħmlu dan il-kors tal-ilsien Malti?

11/08/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11187.

Seduta 163
01/11/2023

**MONUMENT BĦALA TIFKIRA TA' JEAN PAUL SOFIA**

**11189. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hemmx xi pjanijiet biex ikun hemm monument għal Jean Paul Sofia li jkun iddedikat għall-vittmi kollha tal-kostruzzjoni, u simbolu kontra r-regħba u l-egoiżmu li teqred ħajjet in-nies?

11/08/2023

**ONOR. ROBERT ABELA**: Il-familja ta' Jean Paul Sofia kienet esprimiet ix-xewqa li fuq is-sit tal-inċident isir ġnien. Il-Gvern huwa miftuħ għal din l-idea.

Seduta 163
01/11/2023

**INĊIDENTI FUQ SITI TA' KOSTRUZZJONI**

**11190. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti fuq siti ta' kostruzzjoni kull sena mill-2012 sal-2022?

11/08/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istatistika uffiċjali miġbura f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea tirreferi għal korrimenti u mwiet u mhux għal inċidenti. Għaldaqstant waqt li l-OHSA tiġbor statistika dwar imwiet fuq il-post tax-xogħol, statistika dwar korrimenti tista' tinkiseb mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-okkorenzi joħorġu mit-talbiet għal ħlas ta' benefiċċju taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Seduta 163
01/11/2023

**INĊIDENTI FUQ SITI TA' KOSTRUZZJONI**

**11191. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti fuq siti ta' kostruzzjoni minn Jannar sa Awwissu tal-2023?

11/08/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istatistika uffiċjali miġbura f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea tirreferi għal korrimenti u mwiet u mhux għal inċidenti. Għaldaqstant waqt li l-OHSA tiġbor statistika dwar imwiet fuq il-post tax-xogħol, statistika dwar korrimenti tista' tinkiseb mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-okkorenzi joħorġu mit-talbiet għal ħlas ta' benefiċċju taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Seduta 163
01/11/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – PERSUNI LI QEGĦDIN JGĦIXU FIL-PERIKLU**

**11322. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tad-Djar għandhiex informazzjoni ta' persuni li qegħdin jgħixu f'dar mimlija perikli u jekk iva, kemm hu l-ammont?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar għandha 6 applikanti li qegħdin jgħixu fi proprjetà bil-periklu.

**<u>L-Ewwel Każ</u>**

Tkellimna mal-applikant ta' dan il-każ sitt xhur ilu. Din hija proprjetà ta' qabel l-1995 fejn bħalissa jinsabu għaddejjin bi proċeduri tal-qorti. L-applikant ikkonferma li jaċċetta allokazzjoni biss f'lokalità waħda. L-Awtorità tad-Djar ser tkun qed tagħmel aġġornament tal-assessment tal-applikant fil-jiem li ġejjin.

Il-periklu tfaċċa għax il-proprjetà mhux mibnja kif suppost bil-konsegwenza illi bdew jidhru d-difetti. Is-soqfa m'għandhomx kuntrabejt u hemm penetrazzjoni qawwija ta' ilma tax-xita. Barra minn hekk, hemm ukoll diversi konsenturi fil-ħitan.

**<u>It-Tieni Każ</u>**

Dan il-każ huwa każ dwar proprjetà ta' qabel l-1995. L-applikanta għaddejja bi proċeduri l-qorti mas-sid, u fl-assessments (li l-aħħar wieħed sar f'nofs din is-sena) sostniet li trid għajnuna biss mill-Awtorità f'każ li tiġi żgumbrata. Semmiet ukoll li l-post huwa kbir u qeda tagħmel użu minn parti fejn il-periklu huwa inqas evidenti.

Il-proprjetà hija antika ħafna u għandha ħafna umdità. Hemm soqfa li ġġarrfu u b'hekk il-kmamar ma jistgħux jintużaw.

**<u>It-Tielet Każ</u>**

Dan huwa każ dwar proprjetà antika. L-applikant riċentament ġie allokat żewg propjetajiet, liema propjetajiet ġew irrifjutati.

Fil-proprjetà hemm 3 xorok maqsumin, 3 travi msaddin u xi travi tal-injam immermrin. Hemm periklu li l-ħajt ta' ilqugħ fil-bitħa jċedi u jordom din il-proprjetà peress li hemm sinjali serji ta' moviment fil-bażi tal-ħajt.

**<u>Ir-Raba Każ</u>**

Dan il-każ huwa dwar proprjetà ta' qabel l-1995. L-applikant riċentament ġie allokat fond, liema fond ġie rrifjutat.
Fil-proprjetà hemm penetrazzjoni ta' ilma li qed jiġi mill-fond sovrastanti u li għandu xorok li qed jistrieħu fuq travi tal-ħadid imdendlin. Dawn is-soqfa huma kollha fi stat perikoluż peress li t-travi huma msaddin b'konsegwenza li diversi xorok inqasmu. L-ilma tax-xita qed iqattar mill-istess soqfa u qed jikkaġuna t-tixrib tas-saqaf tat-terran ta' taħt.

**<u>Il-Ħames Każ</u>**

L-applikanti li joqogħdu fi proprjetà antika, riċentament kienu ġew allokati żewġ proprjetajiet differenti mill-Awtorità tad-Djar u li iżda l-applikanti d-darbtejn irrifjutaw il-fond.

Il-proprjetà għandha l-faċċata deterjorata peress li xi partijiet ittieklu u partijiet oħra għandhom qsim fl-istruttura. Barra minn hekk, fuq ġewwa hemm ix-xorok u t-travi tal-injam li huma deterjorati u qed jikkawżaw problemi strutturali. Teżisti ukoll problema ta' umdità.

**<u>Is-Sitt Każ</u>**

Din l-applikazzjoni daħlet f'nofs din is-sena u sar assessment inizjali.

Il-proprjetà għandha fili miftuħin fil-faċċata, il-ħitan qed jitfarfru u huma deterjorati. Ġewwa hemm xorok maqsumin u travi msaddin peress li hemm ingress ta' ilma.

Seduta 163
01/11/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – AZZJONI DWAR PERSUNI BI SFIDI DIFFERENTI**

**11323. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'qiegħda tagħmel l-Awtorità tad-Djar quddiem sitwazzjonijiet ta' persuni li għandhom sfidi ta' mobilità, jgħixu f'shelter homes, m'għandhomx indirizz, b'nuqqas ta' faċilitajiet sanitarji, b'każijiet soċjali u li huma riferuti minn aġenziji, jew li jinsabu f'kirjiet tant għoljin li lanqas bis-sussidju mhuma jlaħħqu?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-Ħidma tal-Awtorità tad-Djar għandha fil-qalba tagħha għajnuna lejn dawn in-nies vulnerabbli. Kontinwament qegħdin nassiguraw li mhux biss insaħħu u nwessgħu l-iskemi offurti fosthom id-Disability Scheme, Benefiċċju tal-Kera, Skemi għall-xogħlijiet strutturali fi djar privati jew mikrija b'kirjiet ta' qabel l-1995 u li kollha ġew msaħħa din is-sena stess.
Qegħdin ukollneliminaw burokrazija żejda u ntejbu l-aċċess għal din l-għajnuna sabiextasal fejn verament hemm bżonnha b'iktar effiċjenza.

Seduta 163
01/11/2023

**BINJIET TA' AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - RAPPORTI TA' MĠIBA ĦAŻINA**

**11324. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm rapporti ta' mġiba ħażina f'binjiet ta' akkomodazzjoni soċjali marbuta ma' condominiums?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lil Onor. Interpellant li f'xahar l-Awtorità tad-Djar tirċievi madwar 40 ilment marbut ma' condominiums. Kull ilment jiġi investigat u tittieħed l-azzjoni neċessarja immedjatament.

Seduta 163
01/11/2023

**TQASSIM TA' POSTIJIET TAL-GVERN**

**11325. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm tqassmu postijiet tal-Gvern ġodda mis-sena 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u f'liema lokalitajiet?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2022 sal-20 ta' Ottubru 2023, l-Awtorità tad-Djar allokat 736 proprjetà maqsuma skont il-lokalità kif ġej:

| Lokalità | Total |
|---|---|
| Attard | 06 |
| Baħar iċ-Ċagħaq | 01 |
| Birkirkara | 44 |
| Birżebbuġa | 07 |
| Buġibba | 03 |
| Burmarrad | 03 |
| Cospicua | 71 |
| Fgura | 04 |
| Floriana | 05 |
| Għajnsielem Għawdex | 07 |
| Għaxaq | 06 |
| Gudja | 01 |
| Gżira | 27 |
| Ħamrun | 11 |
| Kirkop | 05 |
| Lija | 01 |
| Luqa | 01 |
| Marsa | 05 |
| Marsalforn Għawdex | 08 |
| Mellieħa | 03 |
| Mġarr | 01 |
| Mosta | 02 |
| Mqabba | 02 |
| Msida | 93 |
| Nadur Għawdex | 02 |
| Naxxar | 01 |
| Paola | 10 |
| Pietà | 01 |
| Qala Għawdex | 02 |
| Qawra | 30 |
| Qormi | 36 |
| Qrendi | 34 |
| Rabat | 31 |
| Rabat Għawdex | 09 |
| San Ġwann | 25 |
| San Lawrenz Għawdex | 01 |
| Sannat Għawdex | 02 |
| Senglea | 01 |
| Siġġiewi | 31 |
| St Julians | 02 |
| St Paul's Bay | 36 |
| Sta Luċija | 13 |
| Sta Venera | 17 |
| Ta' Xbiex | 01 |
| Tarxien | 21 |
| Valletta | 31 |
| Vittoriosa | 04 |
| Wied il-Għajn | 03 |
| Xaghra Għawdex | 07 |
| Xewkija Għawdex | 01 |
| Xgħajra | 01 |
| Xlendi | 05 |
| Żabbar | 20 |
| Żebbuġ | 09 |
| Żejtun | 03 |
| Żurrieq | 29 |
| | 736 |

Seduta 163
01/11/2023

**BORMLA – DAR IT-TAMA**

**11326. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'sar minn "Dar it-Tama" f'Bormla u jekk kinitx ingħatat mill-Awtorità tad-Djar peress li x-xogħol li kien isir mill-NGO kien ġie ddikjarat xolt? Jista' jgħid ukoll jekk kinitx inxtrat jew jekk għadhiex taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li "Dar it-Tama" f'Bormla għadha sal-lum il-ġurnata tilqa' bħala residenti, ex-ħabsin li ma jkollhomx saqaf fuq rashom. L-Awtorità tad-Djar kienet allokat residenza lill-Għaqda Mid-Dlam għad-Dawl fis-sena 2007 ġewwa 149, Triq Matty Grima, Bormla. Il-Binja inkwistjoni qatt ma nxrat mill-NGO msemmija.

Seduta 163
01/11/2023

**EVICTIONS**

**11327. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il eviction saret, sena b'sena, mill-2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li mis-sena 2021 sat-23 ta' Ottubru 2023 saru s-segwenti żgumbramenti:

| Sena | Numru ta' Żgumbramenti |
|---|---|
| 2021 | 19 |
| 2022 | 31 |
| 2023 - Ottubru | 19 |

Seduta 163
01/11/2023

**RAĦAL ĠDID - TRIQ VALLETTA - XOGĦLIJIET**

**11560. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qegħdin isiru fi Triq Valletta f'Raħal Ġdid u kemm ser idumu għaddejjin?

28/09/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 163
01/11/2023

**IL-FGURA - DĦUL EFFETTIV MINN KONTRAVENZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**11561. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul effettiv minn kontravenzjonijiet tat-traffiku li saru mill-2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2023 fil-lokalità tal-Fgura?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li d-dħul minn kontravenzjonijiet huwa wieħed fluwidu minħabba n-natura tal-proċessi leġiżlattivi. Dan jinkludi l-fakultà tal-allegat offensur li jissottometti petizzjoni, li jsegwi bis-smigħ tal-każ quddiem it-tribunal lokali. Dan jerġa' jiġi segwit b'żewġ possibiltatjiet ta' appell, u li huma, 1) is-sottomissjoni ta' petizzjoni, jew 2) appell quddiem il-qrati tal-ġustizzja. Dan il-proċess jieħu ż-żmien u l-proċess kollu jissupera ħafna drabi sena, u għaldaqstant tali informazzjoni kif mitluba, ma tistax tiġi konkluża.

Seduta 163
01/11/2023

**RAĦAL ĠDID - TRIQ BRITTANJA - XOGĦLIJIET**

**11562. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qegħdin jsiru fi Triq Brittanja f'Raħal Ġdid u kemm ser idumu għaddejjin?

28/09/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 163
01/11/2023

**RAĦAL ĠDID - TRIQ BRITTANJA - XOGĦLIJIET**

**11563. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qegħdin jsiru fi Triq Brittanja f'Raħal Ġdid u kemm ser idumu għaddejjin?

28/09/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq Brittanja u fi Triq Valletta, f'Raħal Ġdid jinkludi bini tat-toroq mill-ġdid ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sotto-bażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. F'dawn it-toroq Infrastructure Malta għamlet servizzi ġodda matul il-medda kollha skont kif proposti mill-entitajiet konċernati, li jinkludi tisħiħ fin-networks tad-distribuzzjoni tal-ilma, tad-dawl u telekomunikazzjoni kif wkoll tisħiħ fis-sistema ta' kollezzjoni tad-drenaġġ u anke ilma tax-xita. Ix-xogħol f'dawn iż-żewg toroq huwa previst li jkun komplut fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla.

Seduta 163
01/11/2023

**ĦAL TARXIEN - DĦUL EFFETTIV MINN KONTRAVENZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**11564. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul effettiv minn kontravenzjonijiet tat-traffiku li saru fil-lokalità ta' Ħal-Tarxien mill-2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11561.

Seduta 163
01/11/2023

**RAĦAL ĠDID - TRIQ BRITTANJA - XOGĦLIJIET**

**11565. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qegħdin jsiru fi Triq Brittanja f'Raħal Ġdid u kemm ser idumu għaddejjin?

28/09/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 163
01/11/2023

**IX-XLENDI – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PARKEĠĠ**

**12419. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B' referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10132 dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-parkeġġ tax-Xlendi, tista' l-Ministru tgħid fiex waslu l-istudji tekniċi meħtieġa sabiex tiddisinja l-pumping station adekwata u jinbidlu wkoll il-pajpijiet li jwasslu għas-sentina', Tista' l-Ministru tgħid kemm se tkun l-ispiża u kemm se jieħu żmien dan ix-xogħol biex jitwettaq?

16/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Kif spjegajt fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10132, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma mhix responsabbli mill-proġett tar-riġenerazzjoni tal-parkeġġ fit-totalità tiegħu, iżda mill-infrastruttura tas-sistema tad-drenaġġ kif ukoll il-pumping station. Ninsab infurmata li l-istudji ġeoloġiċi u d-disinni kemm tal-pumping station kif ukoll tan-network tal-madwar tlestew u qed titħejja l-applikazzjoni sabiex tiġi sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar. Dawn ix-xogħlijiet huma stmati li ser jiswew madwar €2.5 miljun u mistennija jieħdu madwar sena minn meta jinbdew biex jitlestew.

Seduta 163
01/11/2023

**TA' ĊENĊ - XOGĦLIJIET MILL-WATER SERVICES CORPORATION**

**12420. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex jikkonsistu u ser ikunu jikkonsistu x-xogħlijiet li nbdew f'dawn l-aħħar ġranet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) fit-triq li twassal għall-ġibjuni tal-WSC ġewwa Ta' Ċenċ, Għawdex? Tista' tgħid kemm hu stmat li ser jiġu jiswew dawn ix-xogħlijiet kif ukoll tagħti timeframes ta' meta ħa jitlestew?

16/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi dan il-proġett huwa maħsub biex jintegra ż-żewġ ġibjuni prinċipali t'Għawdex. L-għan ewlieni tiegħu huwa sabiex il-konsumatur igawdi minn kwalità ta' ilma aħjar, jiġi ffaċilitat it-taħlit tal-ilma fil-ġibjuni, kif ukoll tissaħħaħ il-pressa tal-ilma madwar Għawdex kollu. Dan il-proġett huwa ppjanat li ser jieħu madwar sena biex jitlesa u stmat li se jiswa madwar €500,000.

Seduta 163
01/11/2023

**GĦAWDEX - BAJJA TAX-XATT L-AĦMAR - ĦRUĠ TAD-DRENAĠĠ**

**12421. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x' inhuma r-raġunijiet għala f' dawn l-aħħar ġimgħat f' diversi ġranet kien hemm ħrug ta' drenaġġ mill-impjant tal-Fessej għal ġol-bajja tax-Xatt l-Aħmar u ż-żoni tal-madwar fejn anki jgħumu n-nies? Tista' tgħid fil-konkret x' inhu jsir biex din il-problema tissolva darba għal dejjem?

16/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi preżentament qiegħda ssir manutenzjoni fis-sistema tad-drenaġġ li twassal l-ilma mill-Imġarr għall-impjant tat-trattament. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qiegħda wkoll tfassal pjan sabiex din is-sistema tiġi mibdula għal waħda iktar moderna.

Seduta 163
01/11/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12469. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA**: Ninsab infurmat li minn 69 talba kien hemm 30 li kienu meqjusa bħala konformi mal-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, filwaqt li ħamsa oħra għadhom qed ikunu evalwati.

Seduta 163
01/11/2023

**AWTORITÀ GĦALL-BINI U L-KOSTRUZZJONI - STOP WORK NOTICE**

**12470. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'dettalji tipprovdi l-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) meta twaqqaf xogħlijiet ta' kostruzzjoni permezz ta' Stop Work Notice?

17/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tikkjarifika għal liema dettalji qed tirreferi.

Seduta 163
01/11/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - EAPPS - DOKUMENTI GĦALL PUBBLIKU**

**12471. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Fid-dawl li l-pubbliku inġenerali huwa projbit milli jara xi dokumenti dwar permessi fuq is-sit tal-Awtorità tal-Ippjanar (EApps), jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li abbażi tagħhom ikun deċiż x'dokumenti jintwerew lill-pubbliku?

17/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tispeċifika għal liema dokumenti qed tirreferi.

Seduta 163
01/11/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - KONSULENTI**

**12501. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta 163
01/11/2023

**TABLETS LI ĠEW UŻATI MIT-TFAL FL-ISKEJJEL LI MHUMIEX JIĠU UŻATI**

**12502. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 8508, 8687 u 8928, jista' l-Ministru jgħid kemm-il tablet li kien użat mit-tfal fl-iskejjel li issa mhuwiex qiegħed jiġi użat, fejn qegħdin jinħażnu u x'inhu l-ħsieb għall-użu tagħhom? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn huma f'kundizzjoni li jitħaddmu u x'inhu l-valur globali ta' dawn it-tablets?

17/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm 5,000 tablet fil-pussess tal-Ministeru li jaqgħu f'din il-kategorija indikata li jistgħu jerġgħu jiġu utilizzati. Għaddejja ħidma u evalwazzjoni sabiex wieħed jara li parti minn dawn it-tablets jerġgħu jiġu utilizzati għal skopijiet ta' taħriġ f'diversi inizjattivi li jsiru mill-Ministeru.

Seduta 163
01/11/2023

**REĠISTRU TAL-QORTI - IMPJEGATI**

**12503. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fir-Reġistru tal-Qorti, u jaqsam din l-informazzjoni skont ir-Reġistru li qegħdin assenjati fih u skont il-kariga tagħhom?

17/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sal-20 t'Ottubru 2023 tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | Impjegati |
|---|---|
| Reġistru Ċivili (Prinċipali li jinkludi Qrati Inferjuri u Superjuri, Sezzjoni tas-Subbasti u Sezzjoni tat-Taxxi | 48 |
| Reġistru Ċivili (Seżżjoni tal-Familja) | 8 |
| Reġistru Ċivili (Seżżjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) | 8 |
| Reġistru Kriminal (Superjuri) | 10 |
| Reġistru Qrati tal-Maġistrati (Annex) | 4 |
| One Stop Shop | 4 |
| Reġistru Għawdex | 4 |
| Total | 86 |

Seduta 163
01/11/2023

**QORTI - MARIXXAL – NOTIFIKI TAL-QORTI**

**12504. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il marixxal hemm assenjat għan-notifiki tal-Qorti?

17/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sal-20 t'Ottubru 2023 mal-Aġenzija għas-servizzi tal-Qrati kien hemm 24 marixall assenjat biex jagħmlu n-notifiki f'Malta u Għawdex.

Seduta 163
01/11/2023

**ATTI ĠUDIZZJARJI LI NĦARĠU GĦAN-NOTIFIKA**

**12505. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il att ġudizzjarju ħareġ għan-notifika bejn l-1 ta' Ottubru 2022 u l-1 ta' Ottubru 2023, u jaqsam din l-informazzjoni skont it-tip ta' notifika, jekk hux fil-ħin legali, wara l-ħin legali u/jew bil-purtier? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-atti ġudizzjarji kellhom riferta pożittiva?

17/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bejn l-1 ta' Ottubru 2022 sal-1 ta' Ottubru 2023 inħarġu total ta' 61,804 notifiki ta' atti ġudizzjarji. Minnhom 24,786 kienu notifiki maħruġa permezz tal-purtier fejn 3,672 minnhom saru wara l-ħin legali u 21,114 waqt il-ħin legali.

Fir-rigward tat-tieni parti tal-mistoqsija, ninsab infurmat illi s-sistema diġitali tal-Aġenzija tindika l-att meta jkun pożittiv fl-intier tiegħu. Iżda fejn dak l-att ikopri aktar min-notifika waħda, fejn waħda minnhom tkun negattiva, l-att jiġi ndikat bħala kompletament negattiv.

Seduta 163
01/11/2023

**MEMBRI TAL-ĠUDIKATURA - PERSUNI NGAĠĠATI**

**12506. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna hemm ingaġġata ma' kull Membru tal-Ġudikatura bħala staff, u jekk għandux il-ħsieb illi jalloka aktar staff fis-sigrieti tal-Imħallfin?

17/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kull Imħallef fil-Qrati għandu addetti miegħu 6 impjegati li huma: court attorney, assistent ġudizzjarju, deputat reġistratur, skrivan tal-Qrati, messaġġier u xufier, filwaqt li Maġistrat fil-Qrati għandu addetti 5 impjegati miegħu assistent ġudizzjarju, deputat reġistratur, skrivan tal-Qrati, messaġġier u xufier.
L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati għaddejja bi proċess ta' reklutaġġ kontinwu skont kif meħtieġ.

Seduta 163
01/11/2023

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ - KULLEĠĠ SAN INJAZJU - KAPIJIET TAL-ISKOLA**

**12517. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12152 u jgħid fl-aħħar tliet snin kemm-il Kap tal-Iskola differenti kienu inkarigati mit-tmexxija tal-Kulleġġ San Injazju Ħaż-Żebbuġ Primary?

18/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 163
01/11/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – STABBILIMENTI LI GĦANDHOM PERMESS JARMAW IMWEJJED U SIĠĠIJIET FUQ ART PUBBLIKA**

**12518. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11699 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-istabbilimenti kollha li għandhom permess mill-Awtorità tal-Artijiet biex jarmaw imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika fil-Belt Valletta? Għal kull permess, jista' jindika l-isem tal-istabbiliment, it-triq li jinsab fih, u l-ammont ta' mwejjed u siġġijiet li għandu permess jarma jew l-ispazju f'metri kwadri li għandu permess jokkupa?

18/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11699.

Seduta 163
01/11/2023

**PENSJONI TAL-INVALIDITÀ – TOBBA ASSENJATI LILL-BORD**

**12533. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tobba assenjati lill-bord biex jiċċertifikaw nies li japplikaw għall-pensjoni tal-invalidità mis-sena 2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll min kienu dawn it-tobba u għal kemm żmien servew?

19/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.
Seduta 163

01/11/2023

**PENSJONI TAL-INVALIDITÀ – PERSUNI ĊERTIFIKATI BĦALA 'INVALIDI'**

**12534. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ċertifikati persuni bħala 'invalidi' u ħadu l-pensjoni tal-invalidità mis-sena 2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

19/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.
Seduta 163

01/11/2023

**AIR MALTA – PERSUNI IMPJEGATI F'KULL KATEGORIJA**

**12535. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew impjegati persuni f'kull kategorija mal-Air Malta mis-sena 2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

19/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex għas-snin 2014-2021 jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsjia parlamentari 24273 tal-Leġiżlatura XIII.
Għas-snin 2022 u 2023 in-numru ta' impjegati hu skont it-tabella hawn taħt:

| Sena | Impjegati | Terminati |
|---|---|---|
| 2022 | 174 | 611 |
| 2023 | 70 | 85 |

Seduta 163
01/11/2023

**AVVIŻ LEGALI - PUBBLIKAZZJONI**

**12570. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk u meta se jiġi ppubblikat l-Avviż Legali li permezz tiegħu se jkunu qed jidħlu fis-seħħ tibdil u/jew it-tneħħija ta' kundizzjonijiet minn kuntratt fejn ingħatat proprjetà tal-Gvern?

20/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan se jiġi ppubblikat fix-xhur li ġejjin.

Seduta 163
01/11/2023

**SAN ĠILJAN - XATT IS-SAJJIEDA - XOGĦLIJIET TA' RIĠENERAZZJONI**

**12587. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11875, jista' l-Ministru jagħti d-data ta' meta ser isiru x-xogħlijiet li bdew fuq il-loġġa tas-sajjieda bħala parti mill-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt tas-Sajjieda, ġewwa San Ġiljan u jekk dawk involuti, pereżempju sajjieda u sidien ta' negozji kienu/huma nfurmati bid-data ta' dawn ix-xogħlijiet?

20/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11875, ninfurmah li x-xogħol tat-twaqqigħ tas-saqaf tal-loġġa diġà beda. Il-persuni involuti, inkluż is-sajjieda, is-sidien ta' negozji li jmissu mal-binja u anke l-Kunsill Lokali, qegħdin kontinwament jiġu infurmati bil-progress tax-xogħlijiet.

Seduta 163
01/11/2023

**SAN ĠILJAN - XATT IS-SAJJIEDA - XOGĦLIJIET TA' RIĠENERAZZJONI**

**12588. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11875, fejn kien mitlub fejn waslu x-xogħlijiet fuq il-promenade/xatt, jista' l-Ministru jagħti t-tracking number mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA)?

20/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11875, it-tracking number mal-Awtorità tal-Ippjanar huwa 7196/21.

Seduta 163
01/11/2023

**GĦASSA TA' SAN ĠWANN - FTUĦ**

**12589. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11878, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid jekk l-għassa hijiex miftuħa u jekk ikunx hemm pulizija preżenti, u jekk le, jgħid fejn wieħed jista' jkollu aċċess għall-pulizija f'din il-lokalità?

20/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li minħabba xogħol ta' manutenzjoni estensiva fl-għassa ta' San Ġwann mhux possibli li jkun hemm ħaddiema f'dak l-ambjent. Din terġa tibda topera b'servizz tal-Pulizija la darba jkunu konklużi x-xogħlijiet. Kull persuna tista tirrikorri fl-għassa ta' San Ġiljan għal kull assistenza, peress li hija l-eqreb għal din il-lokalità, għalkemm kull għassa hi aċċessibbli biex tingħata kull għajnuna. Sadanittant iż-żona ta' San Ġwann milħuqa b'diversi rondi, inkluż tal-RIU.

Seduta 163
01/11/2023

**APH ANIMAL HOSPITAL - LIĊENZJA TA' OPERAT**

**12590. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11974, fejn intqal li dan l-isptar ingħalaq minħabba li 'It-tabiba veterinarja lliċenzjata biex topera' rriżenjat, imbagħad waqt is-seduta parlamentari, l-istess Ministru qal li dan l-isptar ingħalaq wara l-qtugħ tal-elettriku u anke għaliex mhuwiex aktar finanzjarjament vijabbli, jista' l-Ministru jgħid x'kienu verament ir-raġunijiet għal dan l-għeluq, fid-dawl li l-Ministru ta 3 raġunijiet?

20/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġibiet li ngħataw għall-mistoqsijiet parlamentari 11974 u 12239 huma t-tnejn korretti.

Seduta 163
01/11/2023

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN - PROJECT GREEN**

**12591. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11868, filwaqt li hemm differenza bejn diskussjoni fuq proposta b'mod ġenerali u diskussjoni/vot fuq il-pjanta finali li ddaħħlet għand l-Awtorità tal-Ippjanar TRK/00277228, jista' l-Ministru jgħid jekk din il-pjanta finali kinitx fuq l-Aġenda tal-Kunsill Lokali u x'kien il-vot fuq din il-proposta finali? Jista' l-Ministru jqiegħed kopja tal-aġenda, il-voti kif kienu mitfugħa, u l-minuti ta' din is-seduta?

20/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann illi l-pjanti finali tal-proġett ma setgħux jiġu diskussi fil-Laqgħa tal-Kunsill, għax mhumiex finalizzati, bir-raġuni tkun li l-proċess ta' konsultazzjoni mal-firxa wiesgħa ta' stakeholders għadu għaddej.

Intant infurmat li l-applikazzjoni sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar minn Project Green tirrigwarda l-parti tal-parkeġġ taħt l-art f'Misraħ Lewża. Infurmat ukoll li din il-fażi tal-proġett ma nbidlet xejn minn dawk il-pjanti diskussi fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru. 50, fejn kien hemm qbil unanimu.

Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra estratt tal-minuti tal-laqgħa li għadni kif semmejt.

Seduta 163
01/11/2023

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN - PROJECT GREEN**

**12592. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11868, fejn l-Ministru qal li kien hemm laqgħa ta' konsultazzjoni mal-ħwienet, jista' l-Ministru jgħid meta saret din il-laqgħa, fejn saret u min huma dawk li kienu preżenti għaliha?

20/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann illi l-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-entitajiet kummerċjali li għaliha qiegħed jirreferi l-Onor. Interpellant saret fit-22 ta' Frar 2023. Infurmat li din il-laqgħa saret għall-entitajiet kummerċjali kollha li jinsabu fi Triq Feliċe Borg, Misraħ Lewża, Misraħ Lourdes u Triq Narċis.

Infurmat ukoll li l-istedina għal din il-laqgħa ta' konsultazzjoni tqassmet by hand.

Finalment, infurmat li din il-laqgħa ta' konsultazzjoni ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 65, tat-23 ta' Jannar 2023.

Seduta 163
01/11/2023

**AMPUTAZZJONI TAS-SAQAJN - SPIŻA**

**12662. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11603, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk in-numru ta' każijiet ta' amputazzjonijiet tas-saqajn f'Malta hux ferm għola minn dak ta' pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea?

24/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 163
01/11/2023

**ATTI TA' KURAZIJA**

**12675. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid għaliex hemm dewmien twil (saħansitra snin sħaħ ta' dewmien) fl-ipproċċessar ta' talbiet għal għotja ta' Atti ta' Kurazija (Guardianship deeds) lil NGOs mill-Awtorità tal-Artijiet u fejn qegħdin jeħlu dawn il-proposti? Jista' jgħid ukoll jekk dan id-dewmien huwiex ġustifikat u jekk hemmx ir-rieda politika biex ikomplu jingħataw Atti ta' Kurazija lil NGOs, jew le?

24/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tispeċifika għal liema proposti qed tirreferi, għax kull każ għandu l-mertu tiegħu.

Seduta 163
01/11/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI - SERVIZZI**

**12676. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħallset flus is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali lill-Awtorità tal-Ippjanar mill-1 ta' Jannar 2013, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jagħti lista tas-servizzi jew spejjeż li ffurmaw dawn l-ammonti, maqsuma sena b'sena għal kull servizz jew spiża?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Sena | Ammont imħallas | Raġuni | Rimarki |
|---|---|---|---|
| 2013 | Xejn | | |
| 2014 | Xejn | | |
| 2015 | Xejn | | |
| 2016 | Xejn | | |
| 2017 | Xejn | | |
| 2018 | Xejn | | |
| 2019 | € 158,631.46 | Rimborż tal-Pagi u Assikurazzjoni Personali, li jkopri mit-12 ta' Novembru 2018 sat-12 ta' Awwissu 2019, ta' ħames (5) impjegati tal-PA b'self mal-SCH | |
| 2020 | Xejn | | |
| 2021 | € 329,223.92 | Rimborż tal-Pagi u Assikurazzjoni Personali, li jkopri mit-13 ta' Awwissu 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 ta' ħames (5) impjegati tal-PA b'self mal-SCH | 1 |
| 2022 | € 427,524.74 | Rimborż tal-Pagi u Assikurazzjoni Personali, li jkopri mil-1 ta' Jannar 2021 sal-2 ta' Diċembru 2022 ta' sitt (6) impjegati tal-PA b'self mal-SCH | 2 |
| 2023 | € 24,469.06 | Rimborż tal-Pagi u Assikurazzjoni Personali, li jkopri mit-3 ta' Diċembru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 ta' sitt (6) impjegati tal-PA b'self mal-SCH | 3 |

1. L-ammont gross li SCH kellha tagħti lil PA kien dak ta' €336,160.53. Minn dan tnaqqas (offset) l-ammont ta' €6,936.61 li kien dovut mill-PA lill-SCH, rimborż ta' parti mill-paga tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali.
2. L-ammont gross li SCH kellha tagħti lil PA kien dak ta' €507,800.82. Minn dan tnaqqas (offset) l-ammont ta' €80,276.08 li kien dovut mill-PA lill-SCH, rimborż ta' parti mill-paga tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali.

3. L-ammont gross li SCH kellha tagħti lil PA kien dak ta' €40,080.24. Minn dan tnaqqas (offset) l-ammont ta' €15,611.18 li kien dovut mill-PA lill-SCH, rimborż ta' parti mill-paga tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali.

Seduta 163
01/11/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI - SERVIZZI**

**12677. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm irċeviet flus is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali mill-Awtorità tal-Ippjanar mill-1 ta' Jannar 2013, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jagħti lista tas-servizzi jew spejjeż li ffurmaw dawn l-ammonti, maqsuma sena b'sena għal kull servizz jew spiża?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-Awtorità tal-Ippjanar tirrifuża parti mill-ispejjeż tal-kuntratt tas-Sovrintendent li sar bejn l-Ministeru tal-Kultura u Gvern Lokali u l-Awtorità tal-Ippjanar.

Intant, l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

· 2021: L-ammont ta' €6,936.61 li kien dovut mill-PA lill-SCH, rimborż ta' parti mill-paga tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali.
· 2022: L-ammont ta' €80,276.08 li kien dovut mill-PA lill-SCH, rimborż ta' parti mill-paga tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali
· 2023: L-ammont ta' €15,611.18 li kien dovut mill-PA lill-SCH, rimborż ta' parti mill-paga tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali (dan l-ammont rċevut sa 26.10.2023).

Seduta 163
01/11/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI - ORGANIGRAMMA**

**12678. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-organigramma tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u jindika fuq l-istess organigramma, liema huma dawk il-karigi kollha okkupati minn impjegati tal-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll persuni li jokkupaw kariga fuq basi ta' 'Position of Trust' u għal dawn il-karigi jitniżżlu l-ismijiet tal-individwi kkonċernati?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-organigramma tas-Sovrintendenza, fejn tindika il-karigi okkupati minn impjegati tal-Awtorità tal-Ippjanar (immarkati biċ-ċelest).

Intant, is-Sovrintendenza ma timpjegax persuni fuq bażi ta' Position of Trust.

Seduta 163
01/11/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – IMPJEGATI**

**12679. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk apparti dawk l-impjegati msemmija fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5645, kienx hemm iktar impjegati mill-Awtorità tal-Ippjanar li ddaħħlu jaħdmu fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fil-perjodu bejn l-2013, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Għal kull individwu, jista' l-Ministru jimla t-tabella li qed tintbagħat separatament u:
a. jagħti d-data ta' meta kull persuna daħlet taħdem fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;
b. jindika l-kariga u l-grad li kull persuna kienet tokkupa fl-Awtorità tal-Ippjanar fil-mument li daħlet fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;

ċ. jindika l-kariga u l-grad li tokkupa fl-Awtorità tal-Ippjanar illum minkejja li taħdem mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;
d. jgħid x'inhi l-kariga u l-grad li daħlet fiha fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;
e. jgħid x'inhi l-kariga u l-grad li tokkupa llum fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali; u
f. iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ftehim jew kuntratt li jirregola l-ingaġġ ta' dawn l-impjegati?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li s-Sovrintendenza ma impjegatx impjegati oħra mill-Awtorità tal-Ippjanar, għajr dawk imsemmija fir-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 5645.

Intant ninsab infurmat li s-Sa Mandy Gatt m'għadhiex impjegata tas-Sovrintendenza.

Seduta 163
01/11/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12743. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6980.

Seduta 163
01/11/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12744. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6981.

Seduta 163
01/11/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12745. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6982.

Seduta 163
01/11/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12746. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6983.

Seduta 163
01/11/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12747. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6984.

Seduta 163
01/11/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12748. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6985.

Seduta 163
01/11/2023

**MASSAGE PARLOURS**

**12751. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11609 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u jgħid kemm hemm massage parlours f'pajjiżna? Kemm minnhom qegħdin f'Malta u kemm qegħdin f'Għawdex?

25/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tali informazzjoni ma tinżammx mill-Ministeru għat-Turiżmu u lanqas mill-entitajiet fi ħdanu.

Seduta 163
01/11/2023

**MASSAGE PARLOURS**

**12752. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11609 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u jgħid kemm hemm massage parlours f'pajjiżna? Kemm minnhom qegħdin f'Malta u kemm qegħdin f'Għawdex?

25/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol mhux responsabbli għall-ħruġ ta' liċenzji ta' massage parlours u għaldaqstant ma jistax jagħti l-informazzjoni mitluba.

Seduta 163
01/11/2023

**GENTLEMEN'S CLUBS**

**12753. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11610 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u jgħid kemm hemm Gentlemen's Clubs f'pajjiżna? Kemm minnhom qegħdin f'Malta u kemm qegħdin f'Għawdex?

25/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13484 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 163
01/11/2023

**GENTLEMEN'S CLUBS**

**12754. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11610 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u jgħid kemm hemm Gentlemen's Clubs f'pajjiżna? Kemm minnhom qegħdin f'Malta u kemm qegħdin f'Għawdex?

25/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol mhux responsabbli għall-ħruġ ta' liċenzji ta' Gentlemen's Club u għaldaqstant ma jistax jagħti l-informazzjoni mitluba.

Seduta 163
01/11/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – UFFIĊINI DISTRETTWALI**

**12779. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11084, jista' l-Ministru jipprovdi t-tagħrif mitlub fl-istess mistoqsija u jgħid ukoll jekk iċ-ċaqliq ta' servizz mill-Qawra għal San Pawl il-Baħar huwiex parti mill-uffiċċji tal-istess Ministeru?

26/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11084.

Seduta 163
01/11/2023

**BIRKIRKARA – PARKEĠĠ RISERVAT**

**12780. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jipprovdi informazzjoni dwar il-parkeġġ riservat li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament peress li l-ebda karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni assenjat ma' dan il-parkeġġ m'għadha tipparkja fih? Jista' jgħid jekk din il-karozza għadhiex tinstaq fit-toroq? X'ġara mill-persuna li hija rreġistrata ma' din il-karozza?

26/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li nfurmat li l-parkeġġ riservat huwa approvat, u li l-vettura msemmija għandha liċenzja valida u bħalissa qiegħda għat-tiswija.

Seduta 163
01/11/2023

**MIŻURI TA' PEST CONTROL**

**12791. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar x'tip ta' koordinazzjoni saret jew qiegħda ssir mal-Ministeru għas-Saħħa, biex tiġi kkontrollata l-preżenza tal-ġrieden fl-għelieqi? X'miżuri partikolari ttieħdu biex il-ħsara lill-prodotti agrikoli titnaqqas kemm jista' jkun?

26/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12793. Id-Direttorat tal-Agrikoltura għaddej bi sforz kontinwu sabiex jiġi assigurat li l-kontroll tal-ġrieden ikun wieħed effettiv.

Seduta 163
01/11/2023

**MELLIEĦA, SAN PAWL IL-BAĦAR, QAWRA, NAXXAR - TRASPORT GĦALL-ISKEJJEL PRIMARJI**

**12792. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti fl-iskejjel primarji tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, il-Qawra u n-Naxxar, li jitwasslu l-iskola permezz ta' trasport ipprovdut mill-Ministeru u kemm jintużaw vetturi għal dan it-trasport?

26/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 163
01/11/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - PEST CONTROL UNIT**

**12793. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12386, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti tagħrif dwar jekk il-bdiewa nfushom jistgħux jitolbu u jikkordinaw mal-Pest Control Unit biex isiru trattamenti kontra l-ġrieden u b'hekk tiġi evitata l-problema tal-proprjetà privata, kif indikat fit-tweġiba?

26/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kull meta jkollna lmenti minn bdiewa fir-rigward ta' infestazzjoni tal-ġrieden fl-art privata tagħhom, nagħmlu pest control fiż-żoni pubbliċi ta' madwar l-art.

Seduta 163
01/11/2023

**IX-XEMXIJA U SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ KATERINA VITALE, TRIQ IL-FUĦĦAR, TRIQ PISCOPO MACEDONIA U TRIQ RADDET IR-ROTI - APPLIKAZZJONI GĦAL PC**

**12794. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Ippjanar hux qed tikkunsidra applikazzjonijiet għal PC fl-inħawi ta' Triq Katerina Vitale, Triq il-Fuħħar, Triq Piscopo Macedonia u Triq Raddet ir-Roti, fl-inħawi tax-Xemxija, San Pawl il-Baħar u jekk hemm tali applikazzjoni, meta daħlet għand l-Awtorità tal-Ippjanar?

26/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità tal-Ippjanar m'għandha l-ebda applikazzjonijiet għal Planning Control fl-inħawi ta' Triq Katerina Vitale, Triq il-Fuħħar, Triq Piscopo Macedonia u Triq Raddet ir-Roti, fl-inħawi tax-Xemxija, San Pawl il-Baħar.

Seduta 163
01/11/2023

**GĦAQDIET VOLONTARJI - REĠISTRAZZJONIJIET**

**12800. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew irreġistrati għaqdiet volontarji ġodda minn meta ġiet imwieġba l-mistoqsija parlamentari 8696 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Liema kienu dawn l-għaqdiet? F'liema setturi ġew irreġistrati dawn l-għaqdiet, skont l-oqsma li jaħdmu fihom?

27/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qiegħda npoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 163
01/11/2023

**ĠONNA PRIVATI ŻVILUPPATI GĦALL-PUBBLIKU**

**12814. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Peress li kien ġie mwiegħed li ser jinxtraw ġonna privati biex il-Gvern jiżviluppahom għall-pubbliku, tista' l-Ministru tgħid jekk sarx xi proġett ta' dan it-tip?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12813.

Seduta 163
01/11/2023

**DEMARKAZZJONI TA' ŻONI U PASSAĠĠI PUBBLIĊI**

**12815. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk bediex jew le l-proċess ta' demarkazzjoni ċara taż-żoni u passaġġi pubbliċi sabiex il-poplu jkollu aċċess għal spazji miftuħa kif kien imwiegħed? Tista' tgħid ukoll jekk inħolqitx il-mobile app. li se tkun tista' tindika dan kif kien imwiegħed ukoll?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li Ambjent Malta diġà bdiet b'diskussjonijiet neċessarji ma' NGOs biex jiġu identifikati u stabbiliti żoni li joffru aċċess lill-pubbliku għal passaġġi u spazji miftuħa. Dawn id-diskussjonijet wasslu biex saru numru ta' interventi fiż-żona tad-Dwejra (limiti ta' Binġemma) u oħra fil-Fgura biswit il-Cottonera Lines (ħdejn l-Polverista Gate), kif ukoll tul Victoria Lines (li

jwasslu minn Fomm ir-Riħ sal-Madliena). Permezz ta' dawn l-interventi ngħataw aktar minn 8,000 metru kwadru fi spazji miftuħa lill-pubbliku u iżjed minn 10 kilometri ta' passaġġ tul il-Victoria Lines.

Sadanittant, ninsab infurmata li qed tinġabar l-informazzjoni relatata ma' dawn iż-żoni biex tiġi formulata l-mobile app li ser tkun qed toffri informazzjoni lill-pubbliku.

Seduta 163
01/11/2023

**GREEN NETWORKS GĦALL-EŻERĊIZZJU FIŻIKU**

**12816. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk inbediex xi pjan għal green networks biex in-nies ikollhom aċċess għal spazji miftuħa akbar fejn jagħmlu eżerċizzju fiżiku?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12815, u nfakkar li fi tweġibiet ta' mistoqsijiet parlamentari oħra preċedenti elenkajt diversi drabi x-xogħol kbir li qed isir biex nipprovdu spazji ħodor fid-diversi lokalitajiet ta' pajjiżna. Hemm għaddej ukoll xogħol sabiex jissaħħu iżjed il-green networks. Hemm ukoll ippjanat studju dwar link li tieħdok mill-Mellieħa sax-Xgħajra biex wieħed jara kif ikun l-aħjar metodu li din issir bl-iżjed mod konvenjenti għaċ-ċittadin.

Seduta 163
01/11/2023

**TA' QALI – PARK NAZZJONALI**

**12817. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Peress li l-Park Nazzjonali ġewwa Ta' Qali għadu mhux lest wara tant snin ta' stennija, tista' l-Ministru tgħid meta dan se jkun lest?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 163
01/11/2023

**IL-FLORIANA – PROĠETT TA' TRIQ SANT'ANNA**

**12818. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju wasal il-proġett ta' Triq Sant' Anna, ġewwa l-Floriana, fejn kien ġie mwiegħed li t-traffiku se jgħaddi kollu minn taħt l-art u tinħoloq żona pedonali sal-Pjazza ta' Kastilja?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li din is-sena tlestiet l-evalwazzjoni tar-rapporti tekniċi mibgħutin mill-entità li wettqet l-istudju għall-proġett ta' Triq Sant' Anna, fil-Floriana. Sadanittant, qed isir it-tfassil biex jinħarġu is-sejħiet għall-offerti biex isiru studji oħra neċessarji dwar dan il-proġett.

Seduta 163
01/11/2023

**BORMLA – TRIQ SAN PAWL – PROĠETT GĦAL SPAZJU MIFUĦ**

**12819. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju ta' riġenerazzjoni għal spazju miftuħ wasal il-proġett tal-parkeġġ fi Triq San Pawl, Bormla?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12812.

Seduta 163
01/11/2023